



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2013
COM(2013) 898 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Evalwazzjoni finali tal-Programm Konġunt tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni finali tal-Programm Konġunt tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huma fundamentali biex jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet preżentati minn popolazzjoni li qed tixjieħ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea indirizzat dan il-punt fil-Komunikazzjoni tagħha *Xjuħija tajba fis-Soċjetà tal-Infurmazzjoni (2007)*¹ u għamlet disponibbli ammont sostanzjali ta' appoġġ finanzjarju għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni infurzat mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni biex tuża l-ICT għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu fil-Komunikazzjoni tagħha *Aġenda Diġitali għall-Ewropa (2010)*². Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Konġunt tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment (AAL JP) hija l-pedament ta' dak l-impenn.

Il-Programm Konġunt tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment twaqqaf fl-2008 minn 20 Stat Membru tal-UE u tliet pajjiżi assoċjati³. L-Unjoni ddeċidiet li, l-istess bħall-Istati parteċipanti hija wkoll tagħti l-appoġġ tagħha permezz ta' finanzjament mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7), ibbażat fuq l-Artikolu 185 tat-Trattat tal-KE dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)⁴.

L-AAL JP jiffoka fuq ir-riċerka applikata u l-innovazzjoni tal-prodotti bbażati fuq l-ICT u s-servizzi għal popolazzjoni li qed tixjiħ, bi żmien biex jitqiegħdu fis-suk ta' bejn sentejn u tliet snin. Is-sidien prinċipali tal-programm huma l-Istati parteċipanti, li jwettquh permezz ta' Assoċjazzjoni AAL (AALA) internazzjonali u mingħajr skop ta' qligħ, irregolata minn Assemblea Ġenerali u appoġġata mil-lat operattiv minn Unità Ċentrali ta' Ġestjoni. Il-Kummissjoni għandha status ta' osservatriċi fl-Assemblea Ġenerali u dritt għal veto fil-programm annwali ta' ħidma, u hija parti wkoll mill-ftehimiet mal-AALA fir-rigward tal-kontribut finanzjarju tal-UE.

Id-Deċiżjoni tal-2008 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità fl-AAL JP kienet titlob evalwazzjoni finali tal-programm li trid issir sal-aħħar tal-2013; din twettqet minn bord ta' esperti indipendenti ta' livell għoli ppresedut minn Philippe Busquin, l-eks Kummissarju Ewropew għar-Riċerka.

Il-bord ivvaluta r-riżultati miksuba u l-progress li sar lejn l-oġettivi tal-AAL JP, u ħareġ rakkomandazzjonijiet ta' segwitu strateġiċi u operattivi indirizzati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Dan ir-rapport janalizza r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-bord u jipproponi azzjoni li trid tittieħed mill-Kummissjoni ma' istituzzjonijiet u partijiet interessati oħra tal-UE u permezz tar-rwol tagħha fl-AAL JP.

¹ COM(2007) 332 finali, l-14 ta' Ġunju 2007.

² COM(2010) 245 finali/2, id-19 ta' Mejju 2010.

³ Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit (l-Istati Membri parteċipanti), flimkien mal-Iżrael, in-Norveġja u l-Isvizzera.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 742/2008/KE, tad-9 ta' Lulju 2008.

2. SFOND: L-ISFIDA TAT-TIXJIĦ DEMOGRAFIKU

Id-dejta bażika dwar il-popolazzjoni li qed tixjieħ turi bidla imminente u sinifikanti fis-soċjetà u fl-ekonomija u li l-UE għadha mhux preparata sew għaliha. Huwa previst li jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, sal-2020 se jkun hemm tnaqqis sa żewġ miljun impjieg fis-settur tal-kura u s-saħħa, li jfisser li 15 % tax-xogħol neċessarju fis-settur ġenerali tal-kura tas-saħħa mhux se jkun kopert⁵. Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 65 sena mal-persuni-li jaħdmu (li għandhom bejn 15 u 64 sena) se jonqos minn madwar 1:4 fl-2008 għal 1:3 fl-2020 u 1:2 fl-2050, li se jiffa' piż kbir fuq is-solidarjetà intergenerazzjonali⁶. L-ispiża dejjem ikbar tat-tixjiħ se jkollha impatt sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi⁷, iżda wkoll fuq il-ġid privat. Il-persuni li għandhom iktar minn 50 sena u għandhom dħul disponibbli sinifikanti u d-dħul tal-pensjonanti qiegħed dejjem jizdied⁸. Min-naħa l-oħra, id-differenzi huma kbar ħafna, b'19 % tal-anzjani tal-UE jinsabu friskju ta' faqar, ċifra li qed tiżdied b'rata mgħaġġla speċjalment fl-UE-10⁹.

L-isfida demografika tista' tiġi indirizzata biss permezz ta' taħlita koerenti ta' politiki soċjali, ekonomiċi, tas-saħħa, tal-innovazzjoni u diġitali¹⁰. Jekk tittieħed azzjoni llum din tista' tissarraf f'rebħa trippla:

- kwalità tal-ħajja aħjar għaċ-ċittadini;
- kura aktar sostenibbli għas-soċjetà; u
- impjiegi u negozji ġodda permezz ta' "ekonomija tal-anzjani" li qed tikber.

In-natura trasformattiva tal-ICT tagħti lok għal innovazzjoni reali fil-mod li tiġi organizzata l-kura tal-anzjani, tinqata' l-burokrazija biex b'hekk il-provvista tal-kura tkun iktar effiċjenti u effettiva u għalhekk tippermetti li l-persuni li jindukraw lin-nies iqattgħu aktar ħin mal-klijenti tagħhom. L-ICT tista' tgħin ukoll fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-benesseri tal-persuni informali li jindukraw lin-nies, bħall-membri tal-familja. Fl-aħħar nett, tista' tikkontribwixxi għal stil ta' ħajja b'saħħtu u attiv għall-anzjani permezz tal-ġestjoni tas-saħħa u l-adattament tal-postijiet tax-xogħol filwaqt li tippermettilhom ikomplu jipparteċipaw b'mod attiv fl-ekonomija u s-soċjetà ġenerali. Għadd dejjem jikber ta' studji tal-każijiet juri li miżuri fis-settur tal-kura jistgħu jwasslu għal titjib fl-effiċjenza ta' bejn 10 u 30 %, livelli oġġla ta' sodissfazzjon tal-utent u tkabbir annwali tan-negozji ta' aktar minn 10 %¹¹.

It-tixjiħ demografiku ġie identifikat fl-istrateġija Ewropa 2020¹² kemm bħala sfida kif ukoll bħala opportunità għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-inizjattivi ewlenin *Aġenda Diġitali għall-Ewropa* u *Unjoni ta' Innovazzjoni*¹³ jindirizzawh bħala prijorità. Din tal-ewwel tiffoka fuq servizzi, prodotti u proċessi innovattivi ibbażati fuq l-ICT u s-soluzzjonijiet diġitali u l-attivitajiet tal-AAL JP għandhom rwol importanti fil-Programm tas-Saħħa għat-Tkabbir u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu (EIP-AHA).

⁵ L-istimi preliminari tal-Kummissjoni Ewropea stess ibbażati fuq id-dejta tal-EUROSTAT u tal-OECD.

⁶ SEC(2008) 2911.

⁷ COM(2009) 545, 17 ta' Settembru 2009.

⁸ In-Netwerk tal-Ekonomija tal-Anzjani (Silver Economy) tar-Reġjuni Ewropej.

⁹ Ir-Rapport Interim Konġunt tal-KPE-KPS dwar il-Pensjonijiet, it-28 ta' Mejju 2010.

¹⁰ COM(2006) 571, COM(2009) 180, ir-Rapport dwar it-Tixjih 2009 — Serje Ekonomija Ewropea (European Economy).

¹¹ Valutazzjoni tal-impatt ex-ante tal-Kummissjoni Ewropea tal-Programm Konġunt tal-Għajxien Attiv u Mejgħun propost, SWD/2013/0251, 9 ta' Novembru 2012.

¹² <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2013:0251:FIN:EN:PDF>.

¹³ COM(2010) 2020, 3 ta' Marzu 2010.

¹³ COM(2010) 1161, 6 ta' Ottubru 2010.

3. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI

L-evalwazzjoni finali tkopri sitt snin ta' ħidma tal-AAL JP, mill-2008 sal-2013. F'konformità mal-mandat tal-bord espert, din tivvaluta:

- il-progress lejn l-oġġettivi tal-programm u r-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni interim;
- il-progress lejn l-eċċellenza operattiva tal-programm u l-effettività tal-approċċ tal-Artikolu 185 f'dan il-qasam.

Barra minn hekk, din tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar segwitu li jista' jsir għall-AAL JP skont Orizzont 2020.

Il-bord kien magħmul sabiex jiġi żgurat l-għarfien tajjeb tat-teknoloġija, l-ekonomiji tas-saħħa u l-bżonnijiet tal-utent, l-esperjenza fl-evalwazzjoni tal-programm u l-kontinwità mal-bord inkarigat mill-evalwazzjoni interim.

Is-sejbiet tal-bord kienu bbażati fuq l-analiżi ta' dokumentazzjoni ta' sfond estensiva, li tinkludi r-rapport ta' evalwazzjoni interim, l-istudji ta' każijiet, l-informazzjoni statistika dwar l-AAL JP u xi 20 intervista mal-partijiet interessati. L-evalwazzjoni saret bejn Mejju u Settembru 2013 u r-rapport finali¹⁴ nħareġ f'Ottubru 2013.

L-evalwazzjoni saret b'mod parallel mal-abbozzar tal-proposta tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-AAL JP b'appoġġ finanzjarju minn Orizzont 2020 u s-sejbiet preliminari ntużaw fit-tnejn tal-proposta finali.

4. RIŻULTATI U RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI

Ir-rapport finali ta' evalwazzjoni jikkonferma l-valur miżjud għoli u l-kisbiet ewlenin tal-AAL JP. B'mod partikolari, il-bord ikkonkluda li:

- (1) l-AAL JP wettaq progress tajjeb fil-ksib tal-oġġettivi tiegħu u laqa' sew ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni interim tal-2010 fil-Bord Kuneva;
- (2) l-importanza dejjem tikber tat-tixjiħ demografiku, li hija sfida kondiviża u urġenti fl-Ewropa, tiġġustifika biċ-ċar l-eżistenza tal-AAL JP;
- (3) l-AAL JP jopera bħala qafas koerenti li jwassal valur miżjud ċar għall-Ewropa;
- (4) ir-riċerka assoċjata, l-iżvilupp u l-attività ta' innovazzjoni qed tilħaq massa kritika;
- (5) l-attivitajiet li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet għall-isfruttament industrijali espandew b'mod sinifikanti mill-evalwazzjoni interim;
- (6) il-programm huwa ġestit b'mod tajjeb u għandu arranġamenti ta' governanza li jaħdmu sew; u
- (7) il-progress skont il-programm huwa inkoraġġanti, għalkemm l-impatti soċjali u ekonomiċi fuq skala kbira għadhom iridu jidhru.

Il-bord għaraf ukoll xi kisbiet importanti u riżultati bikrin li jitqiesu bħala indikaturi promettenti ta' impatt ġenerali għoli, li jinkludu:

- il-parteciġazzjoni tajba mill-SMEs (aktar minn 40 %);

¹⁴ <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/second-interim-evaluation-artemis-and-eniac-joint-technology-initiatives>.

- l-investiment stmat tagħhom ta' aktar minn EUR 325 miljun minn parteċipanti fl-industrija (fil-biċċa l-kbira SMEs), ingranat b'investiment konġunt ta' EUR 150 miljun mill-UE u EUR 220 miljun mill-pajjiżi parteċipanti;
- it-tnedija sa issa ta' madwar 130 proġett, b'involviment tajjeb tal-utent finali;
- il-fatt li kważi 50 % tal-proġetti taħt l-ewwel żewġ sejħiet diġà assiguraw drittijiet ta' propjetà intellettwali fir-rigward tar-riżultati tagħhom; 25 % assiguraw il-finanzjament biex iqiegħdu fis-suq prodotti u servizzi ġodda tal-ICT, eż. sistemi ta' allarm, telesorveljanza, sistemi robotiċi, għodod ta' komunikazzjoni u taħriġ ibbażat fuq il-logħob għall-anzjani;
- l-eżistenza ta' għadd ta' prodotti u servizzi kummerċjali li joriġinaw direttament mill-ewwel proġetti AAL JP; u
- il-ħolqien ta' "ekosistema" innovattiva u ġdida, enfasizzata bil-ħames fora li ġew organizzati fuq bażi annwali mill-2009, b'attendenza dejjem tikber minn 500 sa 1 200 persuna, b'mod parallel mal-għadd dejjem jikber ta' esibituri, sponsors kummerċjali u sħab attivi fil-midja.

Il-Bord għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet fejn huwa possibbli li jsir titjib addizzjonali, inklużi kwistjonijiet li jibdew mill-Evalwazzjoni Interim, bħall-involviment ulterjuri tal-utenti finali, aktar servizz u orjentazzjoni soċjali innovattiva, attenzjoni ulterjuri għal mudelli u ppjanar ta' negozji, skambju aħjar ta' tagħlimiet meħuda u infurzar mill-ġdid tar-rwol ta' Unità Ċentrali ta' Ġestjoni.

Il-bord laqa' wkoll il-proposta tal-Kummissjoni dwar segwitu għall-AAL JP skont Orizzont 2020 u għamel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tat-tnedija u l-implimentazzjoni tiegħu sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt ġenerali. Fl-Anness hemm lista ddettaljata tar-rakkomandazzjonijiet tal-bord.

It-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord hija spjegata hawn taħt.

4.1. Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Kummissjoni tilqa' r-rapport finali ta' evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet huma bbażati fuq analiżi ċara u kritika. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Parteċipanti u ma' partijiet interessati oħra biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kif inhu stabbilit hawn taħt.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tiegħu azzjonijiet biex tipproponi u sussegwentement timplimenta l-qafas legali tas-segwitu propost tal-Programm Konġunt tal-Għajxien Attiv u Mejgħun.

Il-Kummissjoni tagħraf il-valur tas-sħubija mal-Istati Membri skont l-Artikolu 185 tat-TFUE, inklużi l-impenni ċari meħuda biex jiżguraw li l-AAL JP jwassal riżultati bikrin li huma promettenti. Minkejja bidu diffiċli f'sitwazzjoni ta' qasam ġdid, l-AAL JP wera b'mod ċar ir-relevanza tiegħu u ssodisfa jew qabeż l-oġettivi inizjali tiegħu. Inħolqot kostitwenza ġdida, li tirrappreżenta l-katina ta' organizzazzjonijiet tal-utent, ta' industrija (b'aktar minn 40 % huma SMEs), fornituri tas-servizz, investituri u organizzazzjonijiet ta' riċerka. Ġew iffinanzjati aktar minn 130 proġett, li jirrappreżentaw investiment tal-UE ta' EUR 150 miljun, ikkomplementat b'investiment fis-sod ta' aktar minn EUR 220 miljun minn Stati parteċipanti u ingranaġġ ta' ko-finanzjament stmat ta' aktar minn EUR 250 miljun minn parteċipanti tal-programm. Il-kontribuzzjoni tal-Istati parteċipanti hija notevoli peress li taqbeż l-impenn legalment mitlub tagħhom bi kważi 50 %.

F'termini operattivi, l-AAL JP tġieb b'mod konsiderevoli mill-evalwazzjoni interim, għalkemm għad hemm lok għal aktar titjib - u huwa fil-fatt neċessarju sabiex il-

programm jibqa' relevanti, b'mod partikolari għall-SMEs, li jeħtieġu flessibilità f'termini tal-kontenut ta' interventi u skadenzi kuntrattwali/ta' ħlas.

4.2. **Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri**

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-bord li jridu jsiru sforzi biex titjeb aktar il-prestazzjoni operattiva tal-AAL JP bħala fattur kritiku ta' suċċess issa li għaddej b'pass mgħaġġel u ġibed l-attenzjoni ta' grupp kbir ta' partijiet interessati. Il-proċeduri u r-rwoli ta' governanza għandhom jiġu riveduti b'mod kritiku biex jidentifikaw nuqqasijiet possibbli u oqsma għas-semplifikazzjoni u t-titjib. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni **diġà talbet fil-proposta tagħha għall-AAL JP** li l-Istati parteċipanti għandhom jistabbilixxu miri komuni vinkolanti għaż-żmien sal-kuntratt u ż-żmien sal-ħlas.

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjonijiet li s-sejħiet futuri jkunu diretti għal proposti dwar l-isfidi soċjoekonomiċi u li jiġu skjerati strumenti b'aġilità u proġetti kollaborattivi li jirriflettu d-dinamiċi u l-iżviluppi futuri tas-suq fil-qasam kopert mill-programm.

Il-Kummissjoni diġà qiset dawn l-aspetti fil-kuntest ta' Orizzont 2020 u l-proposti ta' segwitu tal-AAL JP tiegħu jinkludu l-għażla li jintużaw strumenti addizzjonali bħal premji u għotjiet għall-innovazzjoni biex ikun jista' jsir intervent rapidu meta jkun xieraq.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll mar-rakkomandazzjoni li l-programm ikun aktar orjentat lejn l-isfruttament u mas-suġġeriment li jiġu applikati metriċi aktar b'saħħithom u segwitu sistematiku biex jagħtu stampa aktar ċara tal-impatt tal-proġett li jiggwida l-implimentazzjoni futura. Dawn il-metriċi se jiġu pprovduti fi ftehim futur bejn il-Kummissjoni u l-AALA.

Il-bord jissuġġerixxi wkoll li minbarra l-parteċipazzjoni tajba tal-utent fil-livell kwantitattiv, il-*kwalità* tal-parteċipazzjoni (minn utenti u atturi fuq in-naħa tad-domanda-bħal fornituri tas-servizz u kumpaniji tal-assigurazzjoni) għandha titjib ukoll fil-programm ta' segwitu biex jiġi żgurat li tinfirex fuq żona ġeografika usa' u tinżamm matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett.

Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-fehma u introduċiet rekwiżit li l-Istati parteċipanti, skont il-programmi nazzjonali ta' finanzjament tal-ALL JP, għandhom l-għan li jappoġġaw il-parteċipazzjoni minn utenti u organizzazzjonijiet min-naħa tad-domanda-.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll mar-rakkomandazzjoni tal-bord li għandhom jissaħħu aktar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' ħolqien ta' sentiment ta' komunità-, li huma għodda ewlenija tal-programm. Dan se jiġi rifless f'miżuri ta' appoġġ futuri u fil-mandat tal- AALA.

Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq huma indirizzati wkoll fil-proposta biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-AAL JP2 għal tixjiħ attiv u b'saħħtu u r-rabta mill-qrib ippjanata (u eżistenti) bejn l-AAL u l-komunitajiet EIP AHA.

4.3. **Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni**

Huwa rakkomandat li l-Kummissjoni tgħin biex issaħħaħ iktar il-koerenza u s-sinerġiji bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-attivitajiet ta' applikazzjoni relatati mal-ICT għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu. Din ir-rakkomandazzjoni ntlaqgħet tajjeb ħafna u diġà ttieħdu diversi passi f'din id-direzzjoni.

Il-proposta għall-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020, diġà tqis li l-AAL JP2 huwa komplementari għal xogħol ta' R&Ż fuq perjodu itwal-ta' żmien u għal proġetti pilota innovattivi skont Sfida Soċjetali 1 (Saħħa, Bidla Demografika u Benessri). Skont Orizzont 2020, l-AAL JP se jindirizza r-riċerka u l-innovazzjoni orjentati lejn is-suq u għandhom l-għan li jitraduċu r-riżultati tar-riċerka tal-bażi fi prodotti u servizzi bbażati fuq l-ICT u li jidhru fis-suq bi tweġiba għall-bżonnijiet tal-utenti. Imbagħad, dan se jiġi kkomplementat bl-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt imsejħa Aktar Snin, Ħajjiet Aħjar, li se tiffoka fuq riċerka ġdida multidixiplinari dwar il-bidla demografika bi tweġiba għall-bżonnijiet politiki.

Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll il-komplementarjetà mal-għarfien ippjanat u l-komunità innovattiva dwar it-tixjiħ b'saħħtu tal-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija.

Fl-aħħar nett, l-EIP-AHA stabilixxa l-prijoritajiet ewlenin għall-innovazzjoni u se jindirizza għadd ta' ostakoli għat-twassil fis-suq tas-soluzzjonijiet innovattivi għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu b'ritmu aktar mgħaġġel u fuq l-iskala t-tajba. Se jinħolqu sinerġiji b'saħħithom bit-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-AAL JP f'konformità ma' dak tal-EIP-AHA.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tilqa' bi għarha r-rapport finali ta' evalwazzjoni tal-AAL JP, li jiddokumenta l-impatt pożittiv tas-sħubija fl-UE u l-forzi tal-Istati parteċipanti. It-tagħlimiet mis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport għandhom iwasslu biex is-segwitu tal-AAL JP skont Orizzont 2020 ikollu impatt akbar u sinerġiji aktar effettivi fost firxa ta' inizjattivi relatati mal-livell tal-UE u dak nazzjonali. L-Istati Membri kollha għandhom għalhekk jqisu li jipparteċipaw fl-AAL2 li se jsaħħaħ aktar l-integrazzjoni Ewropea f'dan il-qasam.

L-AAL JP huwa eżempju tajjeb tal-istrateġija Ewropa 2020 fil-prattika, bl-ICT u l-innovazzjoni fis-sens l-aktar wiesa' tagħhom li jgħinu lill-Ewropa tindirizza sfida soċjetali kbira u fl-istess ħin joħolqu opportunitajiet ġodda ta' tkabbir sinifikanti għall-industrija u għall-impjiegi li huma tant-meħtieġa.

Il-Parlament u l-Kunsill huma mistiedna jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport u biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-azzjoni proposta.